# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti ta' l-erbgha u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 23 ta'Marzu 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Qabel bdiet il-laqgha l-Agent S.E. informa li l-Kunsillier P. Fenech kien infurmah permezz ta' email (mehmuza mal-minuti) li huwa ma setax jattendi l-laqgha minhabba li kien ma jiflahx. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha tal-lejla.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.35 p.m. billi intqalet it-*talba*.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 73**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew sabiex jinhareg il-*Compliance Certificate*.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** L-Agent S.E. informa li l-*Letter of Acceptance* lil kuntrattur il-gdid kienet inharget u li dan kien gab il-*Performance Guarantee* kif stipulat. Issa kien ghad jonqos biss li jigi iffirmat il-kuntratt. Gie unanimament deciz li malli dan isir, il-Kunsill ghandu javza bil-miktub lil kuntrattur prezenti (Northern Cleaners Group) li s-servizz taghhom jintemm fil-31 ta' Marzu 2010.

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** Is-S.E. informa li l-gimgha l-ohra kien infetah ix-xelter u l-Perit tal-Kunsill flimkien ma' ufficcjali mid-Dipt. ta' l-Artijiet kienu nizlu sabiex jaraw il-post u minn naha tal-Perit jiehu l-qisien sabiex ikun jista jipprepara *survey* tal-post permezz ta' l-ACAD kif mitlub mid-Dipt. ta' l-Artijiet. Il-hlas lill-kuntrattur li fetah ix-xelter hu ta' € 50.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:50 p.m.***

**3.4** ***Para 3.6 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar:*** L-Agent S.E. informa li konna gejna nfurmati li l-Kunsill kien ser jinghata s-somma ta'

€ 1,000 u li kienet ser issir cerimonja apposta ghal dan il-ghan. Sadanittant il-Kunsillier A. Muscat informa li huwa kien xtara x-xtieli ghal Misrah il-Knisja kif approvat u li dawn diga qeghdin fuq il-post.

**3.5** ***Para 3.11 – Zjara tal-Papa :*** L-Agent S.E. informa li l-istima ghall-*banner* kienet ta' € 224. Filwaqt li din giet accettata unanimament gie deciz li l-banner ghandu jitkabbar ghal 7m x 1.5m kif ukoll li ghadna niccekkjaw mal-Parrocca dwar il-possibilita' li l-Kunsill jissellef arblu sabiex mieghu jehel dan il-*banner*. Il-Kunsillier A. Muscat informa li hu kien xtara 50 bandiera ta' Malta u tal-Papa sabiex jintuzaw ghall-okkazjoni. Gie unanimament deciz li ghandhom jinxtraw 50 bandiera ohra.

**3.6** ***Para 3.12 – Laqgha Bitmac (Works) Ltd*****:** L-Agent S.E. informa li sa issa konna ghadna ma smajna xejn iktar minghand il-kuntrattur dwar il-kont ta' Triq Sta Katerina.

**3.7** ***Para 3.13 – Haddiema mal-Kunsill*****: –** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali risposta ghat-talba taghna sabiex jingieb haddiem iehor ta' l-IPSL gewwa l-lokalita' taghna.

Saret diskussjoni dwar il-haddiem misluf mal-Kunsill taht l-iskema ta' l-ETC. Is-S.E. informa li aktar kmieni din il-gimgha dan ma kienx wettaq ix-xoghol mitlub minnu kif ukoll kien avza li kien qed jirrifjuta li jiehu ordnijiet minghand il-Kunsillier A. Muscat. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li jkun ahjar jekk dan il-haddiem ma jibqax jahdem fil-lokalita' taghna u li nitolbu lill-ETC sabiex dan jinbidel ma haddiem iehor.

**3.8** ***Para 3.14 – Gemellagg Giarratana :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jiltaqa mal-Vici Sindku sabiex jiddiskutu din il-materja aktar fid-dettal.

**3.9** ***Para 3.16 – Rapport SEAP:*** L-Agent S.E. informa li l-*Letter of Acceptance* kienet inharget kif approvat imma konna ghadna qed nistennew il-*Performance Bond.*

**3.10** ***Para 3.17 – Kwotazzjoni Wi-Fi*****:** L-Agent S.E. informa li huwa kien iltaqa ma' ufficcjali minn GO p.l.c. li kienu l-unici li tefghu l-offerta taghhom ghal dan il-progett izda qal li irrizulta li sabiex ikollna servizz adekwat, l-ispiza nvoluta kienet ser tkun iktar minn dik ikkwotata mill-MCA xi xhur ilu. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn iktar fuq dan il-progett.

**3.11** ***Para 3.18 – Festival tal-Halib:*** Il-Kunsill innota li dan il-festival kien success kbir kemm mill-lat ta' organizzazjoni kif ukoll mill-attendenza numeruza. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lill-MRRA kif ukoll lil dawk kollha li hadu sehem filwaqt li wera x-xewqa li dan il-festival jibda jsir kull sena.

Il-Kunsillier A. Muscat qal li l-bandalori kienu tlestew fil-hin u li kien ser jipprova jaghmel *stand* ghalihom fil-*basement* tal-Kunsill sabiex dawn ikunu jistghu jintrefghu kif suppost. Dan gie unanimament approvat.

**3.12** ***Para 8.10 – Business Breakfast TCTC :*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li huwa kien attenda ghal din l-attivita'

**3.13** ***Para 8.8 – Lezzjonijiet ta' l-Ghawm :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien gab aktar informazzjoni dwar dawn il-lezzjonijiet. Gie unanimament deciz li jinhareg *poster* sabiex jigu irreklamati dawn il-lezzjonijiet.

**3.14** ***Para 9.2 – Ftehim Green MT :*** L-Agent S.E. informa li l-ftehim dahal fis-sehh b'effett mill-15 ta' Marzu 2010. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jiehu l-offerta li ghall-ewwel 6 xhur jigi ipprovdut bil-boroz il-grizi mill-istess Green MT kif ukoll li ftehim jkun juri bic-car li l-Kunsill seta izid in-numru ta' granet li fihom jingabar biss skart separat.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jsir il-hlas dovut lil Jesmond Tong ta € 50 ghas-servizz li ta fit-Torri tas-Semaforu fl-okkazjoni tal-Festival tal-Halib.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex isiru *Double Yellow Lines* f'Misrah il-Knisja kantuniera ma' Triq San Nikola. Din it-talba giet approvata unanimament.

**5.2** Talba sabiex issir tabella li tillimita l-gholi ta' vetturi li jistghu jghaddu minn Triq Ferdinand. Din it-talba giet approvata unanimament.

**5.3** Talba sabiex jerga jehel bank fi Triq il-Mithna. Gie unanimament deciz li dan il-bank jehel quddiem il-Mithna sabiex ma jkunx hemm periklu mill-vetturi ghal min juzah.

**5.4** Talba sabiex issir *Yellow Grid* fil-*Birguma Bypass* fid-dahla ghar-rahal. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi referuta lil-TM.

**5.5** Talba sabiex kanal li hemm taht il-bankina fi Triq ix-Xwieki jsir iktar fond u jitwal sabiex l-ilma jimxi ahjar minn go fih. Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz li x-xoghol isir mill-haddiema tad-Distretti.

**5.6** Ilment dwar bankina li saret tizloq fi Triq tal-Balal faccata ta' Triq il-Xwieki. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi riferuta lil TM peress li Triq tal-Balal hi wahda arterjali.

**5.7** Talba sabiex titwahhal mera sabiex jigi iffacilitat il-hrug minn sqaq in-naha ta' fuq ta' Triq San Gwann. Gie nnotat li l-post indikat huwa fil-konfini tan-Naxxar u ghalhekk gie unanimament deciz li din it-talba tintbaghat lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**5.8** Ilment dwar allegat xoghol ta' twessiegh bla permess ta' parti minn Triq Katerina Sammut. L-Agent S.E. informa li dan l-ilment diga gie riferut lill-MEPA.

**5.9** Ilment dwar ilma li qed joqghod f'parti minn Triq il-Gdida. L-Agent S.E. informa li kien mar fuq il-post ghal darbtejn mal-kuntrattur li ghamel ix-xoghol ta' *resurfacing* u finalment gie deciz li jsir kanal mghotti bi gradilja tal-hadid sabiex l-ilma jghaddi mill-kanal. Dan gie approvat unanimament.

**5.10** Ilment dwar zvilupp li ser isir fi Triq Katerina Sammut li jista jkun ta' dannu ghal residenti li joqghodu fi Sqaq Warda u Sqaq ir-Ruzarju. Gie unanimament deciz li ghandna nitolbu parir mill-MEPA dwar l-oggezzjonijiet li tressqu.

## 8 Korrispondenza

**8.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.2** Memo 39/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Sejha Ghal Proposti ta' Progetti taht il-Fond Ewropew ghall-Izvilupp Regjonali (FEZR) 2007-2013 immirata ghall-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.3** Memo 40/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Dokument tar-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.4** Memo 41/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Linji Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.5** Memo 42/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Hrug ta' Offerti (Mistoqsija Parl.)

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.6** Memo 43/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Sejha ghal-Segretarji Ezekuttivi mal-Kumitati Regjonali.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.7** Memo 44/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *Bins* ghal Seperazzjoni ta' Skart.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.8** Memo 45/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *PPP Resurfacing Tender*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ssir applikazzjoni sabiex isir kisi tat-toroq li kien diga identifika l-Kunsill u li taghhom konna diga gibna stima. Dawn it-toroq ghandhom isiru f'din il-prijorita': Triq Ghaxqet l-Ghajn, Triq San Gwann, Triq Indipendenza, Triq in-Naxxar u Triq tal-Ferha Decizjoni finali tkun tista tittiehed b'aktar precizjoni meta inkunu nafu kemm ezattament ser tkun l-allokazzjoni addizzjonali min-naha tal-Gvern ghall-ewwel sena.

**8.9** Korrispondenza mill-Kunsill Lokali Mosta tinfurmana li nhar il-Hamis kien ser isir il-ftuh ta' l-ifferti ghas-sistema *Photovoltaic* f'ufficini tal-Kunsill.

Gie unanimament deciz li l-Kunsillier P. Fenech jintalab jattendi.

**8.10** Korrispondenza minghand il-MEPA tinfurmana li kienet intlaqghet it-talba taghna sabiex il-fondi allokati taht il-UIF jigu utilizzati sa Gunju 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.11** Korrispondenza minghand id-Dipt. ta' l-Edukazzjoni dwar Kampanja tal-Libreriji li ser isir il-gimgha d-diehla.

Gie unanimament approvat li l-Librara tinfurmana bil-persuna li l-aktar taghmel uzu mill-librerija lokali u jinxtara ktieb tal-valur ta' mhux aktar minn €25 sabiex jigi pprezentat lil din il-persuna waqt cerimonja li ser issir il-belt Valletta u li ser tkun ippreseduta mill-Onor Ministru ghall-Edukazzjoni. Gie unanimament deciz li l-Kunsillier P. Fenech jintalab jattendi din l-attivita'.

**8.12** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar azzjonijiet li ghandhom jittiehdu fil-konfront tal-WSC wara li dawn ta' l-ahhar baqghu ma onorawx ftehim ta' hlas ghal servizzi li jkunu saru fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandna nimxu mal-linji gwida ta' l-AKLM.

**8.13** Korrispondenza minghand ufficjali tal-Pulizija sabiex issir laqgha dwar l-abbuz tad-droga gewwa l-lokalita' taghna.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.14** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar korsijiet ghal Kunsillieri u impjegati taht l-iskema *eCouncils*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.15** Korrispondenza minghand il-Kunsill Lokali Pembroke dwar il-konferenza ta' l-ECAD li ser issir f'April.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku nforma li minhabba attivita' importanti fir-rahal, hu kien ser jattendi biss ghal gurnata wahda l-Gimgha.

**8.16** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar kors ghas-Segretarji Ezekuttivi li ser isir bejn is-7 u d-9 ta' April 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. ikkonferma l-attendenza tieghu.

**8.17** Korrispondenza minghand Central Lifts dwar estenzjoni ta' *Maintenance Agreement* dwar il-*lift* fl-ufficini tal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata. Gie unanimament deciz li l-*Maintenenace Agreement* ma jigix iffirmat u jekk ikun hemm bzonn jitqabbad kuntrattur wara li jingiebu stimi sabiex jaghmel *maintenance* regolari tal-lift. Is-S.E. intalab ukoll

sabiex igib stimi minghand enginiera kwalifikati li jkun jistghu jiccertifikaw perjodikatament li l-*lift* hu fi stat tajjeb ta'manutenzjoni u li jista jintuza mill-pubbliku minghajr ebda periklu. Sadanittant ghandna inkellmu lil l-Eng. Bellizzi dwar problema li allegatament qed jaghti dan il-*lift* meta jibda jdoqq waqt li jkun telghu fih xi persuni.

**8.18** Korrispondenza mill-Arcidjocesi ta' Malta tinfurmana li fit-22 ta' Mejju gewwa r-rahal kienet ser issir l-attivita' tal-Vigli tal-Pentecoste.

Din il-korrispondenza giet innotata. Il-Kunsill laqa bil-ferh l-ahbar li din l-attivita'ser issir fir-rahal taghna u gie unanimament deciz li niksbu aktar dettalji dwar din l-attivita' u li nahdmu mill-qrib mal-Kurja u mal-Pulizija sabiex din l-attivita' tkun organizzata mill-ahjar.

**8.19** Korrispondenza minghand l-Ghaqda Maltija tal-Ortikultura dwar il-Wirja Annwali li ser jinzamm f'Mejju.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsillier A. Muscat jiehu hsieb il-partecipazzjoni tal-Kunsill.

**8.20** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar il-Laqgha tas-Sindki li ser tinzamm Ghawdex bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata. Is-Sindku ikkonferma l-attendenza tieghu.

## 9 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**9.1** Gie unanimament deciz li jiddahhal kennies fil-ghodu nhar il-Hadd 28 ta' Marzu 2010 fl-okkazjoni ta' Hadd il-Palm u l-pucissjoni tal-Gimgha l-Kbira.

**9.2** L-Agent S.E. informa li konna rcevejna applikazzjoni sabiex Hadd il-Palm meta ser issir il-Purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira, hanut tax-xorb jarma 4 mwejjed fit-triq quddiem il-hanut. Permessi simili inhargu fil-passat pero' l-Pulizija issa huma ta' l-opinjoni li ma ghandux isir armar ta' mwejjed fit-toroq li minnhom tghaddi l-purcissjoni. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lill-applikant li filwaqt li minn naha taghna ma ghandniex oggezzjoni, hu ghandu jimxi ma l-istruzzjonijiet li jistghu jinghataw mill-Pulizija.

**9.3** Is-Sindku informa li ser issir l-ewwel laqgha tar-Regjun u din ser issir fl-ufficcju tal-KKT.

**9.4** Il-Kunsill iddiskuta l-offerti ricevuti ghax-xiri u nstallazzjoni ta' fanali u bankijiet, ir-*refurbishment* tal-latrini pubblici u l-izvilupp mill-gdid tal-*website* tal-Kunsill. Gie unanimament deciz li dawn jigu evalwati aktar fid-dettal u jekk ikun hemm bzonn issir laqgha specifikament sabiex issir l-evalwazzjoni. Skeda ta' l-offerti ricevuti ser titwahhal fl-ufficcju tal-Kunsill accessibbli ghall-pubbliku.

**9.5** L-Agent S.E. informa li l-*locality sign* ta' Triq Santa Katerina kienet wehlet u issa jonqos biss dik ta' hdejn it-Torri tas-Semaforu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**9.6** Gie unanimament deciz li inkellmu lil Maltapost p.l.c. sabiex numru ta' *envelopes* stampati bit-dettalji tal-Kunsill jigu ittimbrati *Postage Paid* halli b'hekk jigi evitat il-bzonn ta' xiri ta' bolol.

**10 Aggornament**

**10.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:30 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tnejn 5 ta' April 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **5 ta' April 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |